Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 498/2015

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Daniela Debattista

Illum 16 ta' Novembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Daniela Debattista detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 277069M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' April 2009 u fis-snin precedenti f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' taghha bhala Direttrici tas-socjeta' J.G. Rentals Limited, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b' qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn €383,754.00 ghad-detriment tas-segwenti socjetajiet: - Auto Sales Limited, Michael Attard Limited, UCIM Co. Limited, Meridian Enterprises Co. Limited u Pater Finance Co. Limited, ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, fil-kapacita' taghha bhala Direttrici tas-socjeta' J.G. Rentals Limited, appropjat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib maghha l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment tas-segwenti socjetajiet:- Auto Sales Limited, Michael Attard Limited, UCIM Co. Limited, Meridian Enterprises Co. Limited u Pater Finance Co. Limited, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-19 t' Awwissu, 2011 u senjatament l-Artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha izda limitatament in kwantu jirrigwarda r-reat ta' frodi nnominata u tikkundannaha sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed gew sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin. Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputata nstabet hatja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Daniela Debattista, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellanti mhux hatja tar-reat ta' frodi kif ravvizat fl-artikolu 309 tal-Kap 9 u mhux hatja tat-tieni imputazzjoni anki ghaliex astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-istess, thassar u tirrevoka l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hatja tar-reat ravvizat fl-Artikolu 309 tal-Kap 9 u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti ghamlet, bir-rispett, enuncjazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi u tar-rizultanzi processwali b'mod illi konsegwentement erronjament sabet il-htija.

F'dan ir-rigward jinghad illi l-ewwel Qorti kkonkludiet li jirrizulta r-reat ta' frodi nnominat meta l-elementi ta' dan ir-reat, partikolarment l-element tal-qliegh kien nieqes.

Illi inoltre jigi premess li minn imkien mill-atti ma jirrizulta li l-esponent kienet konsapevoli tal-qaghda finanzjarja tas-socjeta. Mill-atti jirrizulta li l-esponent fehmet li huha kien qieghed jiggestixxi negozju ta' kiri ta' vetturi u li minhabba esigenzi partikolari kien talabha tkun direttur ghan-nom tieghu f'din il-kumpanija.

Jinghad ukol li r-responsabilita vikarja ma tinkwadarax f'dan l-isfond u l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni ma jestendix fl-applikabilita tieghu ghar-reat taht l-artikolu 309 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat,

Illi qabel ma tinoltra ruhha fil-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu ta' dan l-appell, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi minn qari tat-talba huwa evidenti illi sehh zball tipografiku meta gie iccitat l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali kemm meta intallbet il-konferma tad-decizjoni rigward il-liberatorja ta'l-akkuza tal-frodi, kif ukoll ir-revoka tad-dikjarazzjoni tal-htija ghar-reat tal-frodi innominat billi fiz-zewg istanzi gie iccitat id-disposizzjoni ta'l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Dan evidentement huwa *lapsus kalami* minn naha tad-difensur ta'l-appellanti billi mill-korp tar-rikors ta'l-appell jirrizulta l-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti fejn allura hemm kontestazzjoni dwar il-htija dikjarata ghar-reat tal-frodi innominat u mhux kjarament fejn il-Qorti ghaddiet ghal liberatorja. Illi kif dejjem gie ritenut r-*raisond'etre* wara l-Artiklu 419(1) tal-Kap. 9 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza fejn l-legizlatur ried li r-rikors ta' l-appell ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel

ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat li jkun jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob. Premess dan u premess ukoll il-fatt illi l-Avukat Generali lanqas ma hass illi kellha tigi issollevata n-nullita tat-talba, allura dina l-Qorti tara illi l-atti ghandhom jigu salvati.

Illi l-gravam ewlieni interpost mill-appellanti kontra d-decizjoni impunjata tistrieh fuq enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi maghmula mill-Ewwel Qorti u dan meta naqqset milli tikkonsidra element ewlieni ghal sejbien ta' htija ghar-reat tal-frodi innominat kif previst fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali u cioe' l-element tal-qliegh maghmul mill-frodatur. Subordinatament targumenta l-appellanti illi ma setghetx tirrizulta ir-reita' fir-responsabbilta vikarja taghha u cioe' fil-vesti taghha bhala direttrici tas-socjeta J.G.Rentals Limited u dan billi l-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni ma jestendiex l-applikabbilita tieghu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kapitolu 9. Din il-Qorti hija tal-fehma illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, ghandu jigi investit dan it-tieni aggravvju li jitkellem dwar ir-responsabbilta vikarja fil-kuntest tal-kamp penali u l-kummissjoni tar-reat tal-frodi innominat li tieghu l-appellanti instabet hatja.

Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ghamlet ezami ta' dak dispost fl-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex imbaghad ghaddiet biex stabbilit ir-responsabbilta vikarja ta'l-appellanti u dan fil-vesti taghha ta' direttur tas-socjeta JG Rentals. Issa l-appellanti targumenta illi dan id-dispost tal-ligi ma isibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina.

Illi illum il-Kodici Kriminali fil-kaz ta' certu reati, inkluz allura r-reat tal-frodi, jipprevedi responsabbilta kriminali gdida diretta lejn il-korp maghqud u dan meta bl-Att III ta'l-2002 gie introdott il-kuncett ta' ***corporate liability*** u allura bis-sahha ta'l-artikolu 310A[1], hemm l-applikazzjoni ghar-reat tal-frodi ta' dak dispost fl-artikolu 121D li jipprovdi testwalment:

[1] Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 121Ċ, 121D, 248E(4) u 328K għandhom japplikaw għal reati taħt dan is-subtitolu

*"Meta reat … ġie mwettaq minn persuna li dak iż-żmien tal-msemmi reat tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud jew tkun persuna li jkollha s-setgħat ta' rappreżentanza ta' dak il-korp jew li jkollha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp u r-reat imsemmi li dwaru tkun instabet ħatja dik il-persuna, jkun kollu jew f'parti minnu, sar għall-benefiċċju ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-għanijiet ta' dan it-titolu titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud li jista' jeħel il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000), liema multa tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

Illi dan ifisser illi kuntrarjament ghal dik ir-responsabbilta vikarja imqieghda fuq spallejn id-direttur ta' korp maghqud fejn allura f'kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena din tigi inflitta fuqu u ghandha tigi skontata minnu <u>personalment</u> anke f'kaz ta' piena pekunjarja, bil-kuncett legali gdid introdott permezz ta' din id-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar il-***corporate liability***, kif inghad, r-responsabbilta penali ghalkemm titqieghed fuq spallejn persuna fizika, madanakollu l-piena pekunjarja hija imputabbli lil-korp maghqud, f'dan il-kaz socjeta kummercjali, liema penali tigi meqjusa bhala dejn civili u titolu ezekuttiv fil-konfront ta' dak il-korp maghqud.

Illi sfortunatament, kif gara f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni fl-akkuza minnha redatta ma tindikax taht liema minn dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi li jistabilixxu ir-responsabbilita penali qieghda tharrek lill-appellanti u cioe' jekk hija ghandhiex tinstab hatja "vikarjament", jew inkella f'isem dak il-korp maghqud minnha rapprezentat jew it-tnejn flimkien. Lanqas ma jidher illi l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tieghu hass illi kellu jindika dan biex b'hekk l-appellanti issa qed tikkontesta r-responsabbilita vikarja taghha kif stabbilita mill-Ewwel Qorti.

Illi ghalkemm il-kuncett tal-*corporate liability* issa ilu introdott fil-ligi taghna ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena, jidher illi difficilment il-kuncett qed jigi applikat, bil-prosekuzzjoni u allura l-qrati taghna jistriehu fuq dak dispost fl-artikolu 13 tal-Att

Dwar l-Interpretazzjoni sabiex b'hekk tigi skartata din ir-responabbilta penali meta si tratta ta' korp maghqud. Illi huwa minnu illi dan il-kuncett mhux dejjem jista' jigi facilment applikat. Dan ghaliex billi r-reita' fil-kamp penali tinneccesita kemm l-att materjali kif ukoll l-att formali huwa allura kwazi impossibbli li jigi ikkoncepit kif il-persuna legali u mhux fiziku tista' qatt tifforma xi intenzjoni biex tikkometti xi reat minn dawk li ghalihom japplika dan il-kuncett. Fil-fatt anke il-piena li tigi inflitta necessarjament trid tkun wahda pekunjarja billi dik tal-prigunerija necessarjament tinvolvi l-persuna fizika.

Issa ghalkemm f'certu guridizzjonijiet bhal dik Taljana gie kreat il-kuncett tal-*coporate mens rea* fejn il-htija tohrog minn difetti u negligenza fl-istruttura organizattiva tal-kumpanija, fil-ligi taghna dan il-kuncett ma isibx applikazzjoni u allura il-ligi trid illi qabel xejn tigi identifikata l-persuna fizika li kontra taghha ser issir l-prosekuzzjoni ghal kummissjoni tar-reat. Illi qabel ma jista' jinghad illi il-korp maghqud qed jinzamm responsabbli ghal xi agir penali, izda, trid tinsab htija fil-persuna fizika li tirrapprezenta dik is-socjeta. Hekk kif tigi stabbilita r-reita allura u jigi ippruvat illi r-reat sehh ghal beneficcju sew ghal kollox jew in parti ta' dak il-korp maghqud, mela imbaghad dak il-korp maghqud kif rapprezentat mill-persuna akkuzata jista' jehel il-penali stabbilita fil-forma ta' hlas tal-multa. Dan ghaliex huwa meqjus illi kull att jew ommissjoni maghmula mill-persuna jew persuni li jagixxu ghan-nom tal-korp maghqud, ghandu jitqies illi huwa att jew ommissjoni maghmul mill-korp maghqud innifsu.

Mela id-distinzjoni bejn dina l-forma ta' responsabbilita penali u dik vikarja hija wahda sottili hafna, ghaliex ghalkemm fiz-zewg istanzi il-kundanna issir kontra l-persuna fizika, ufficjal tal-korp maghqud, madanakollu l-piena inflitta taht l-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni taqa' f'hogor dik il-persuna, u fil-kaz tar-responsabbilita tal-korp maghqud l-piena tinghata fil-konfront tal-persuna legali u mhux dik fizika, fejn l-ufficjal allura ma iwegibx personalment ghall-agir inkriminatorju. Ukoll ghalkemm fejn il-persuna fizika tigi akkuzata bir-reponsabbilta vikarja taghha, hija tista' tezimi ruhha minn tali responsabbilita billi turi, u dan fuq bazi ta' probabbilita, illi hija tkun ezercitat id-diligenza mehtiega

għal-kariga minnha okkupata u tkun għamlet dik is-sorveljanza meħtieġa fil-qadi ta' dmirijietha sabiex tara illi ma isir l-ebda att jew omissjoni doluża, ma jidhirx illi bl-istess mod il-korp magħqud kif rapprezentat jista' isib il-konfort ta' dik l-iskużanti taħt l-artikolu 121D hawn fuq iċċitat u ikun biżżejjed illi l-prosekuzzjoni tipprova illi r-reat ikun seħħ a benefiċċju tal-kumpanija sabiex tiġi stabbilita r-reita' f'dak il-korp magħqud.

Issa minn eżami ta'l-atti probatorji jirriżulta illi hija l-appellanti l-uniku persuna akkużata bir-reat tal-frodi fost oħrajn, iċċitata iżda fil-vesti tagħha ta' direttur tas-soċjeta JG Rentals. Illi minn qari tan-nota ta' rinviju għal ġudizzju l-Avukat Ġenerali jonqos milli jindika d-dispost ta'l-artikolu 310A tal-Kap.9 u kwindi din il-Qorti tifhem illi allura l-korp magħqud ma huwiex qed jiġi iċċitat in ġudizzju ukoll bħala responsabbli għall-aġir kriminali kommess mid-direttur tagħha. Lanqas ma jidher illi l-Avukat Ġenerali ressaq xi lanjanza f'dan is-sens u cioe' xi aggravvju marbut man-nuqqas mill-Ewwel Qorti illi tapplika dina id-disposizzjoni tal-liġi u tikkundanna lill-korp magħqud għall-aġir kriminali mertu ta' dan il-każ.

Magħdud dan allura xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti illi tapplika d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex issib ħtija fl-appellanti billi ma jidhirx illi ġiet imsejjħa biex tapplika xi responsabbilita penali fil-konfront tal-korp magħqud. Il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-appellanti illi l-artikolu 13 tal-Kap.249 ma isibx applikazzjoni għal każ in diżamina u dan għaliex l-istess disposizzjoni tal-liġi hija ċara fid-diċitura tagħha u tapplika għal kull reat mingħajr ebda distinzjoni, u mhux kif donnha qed tikkontendi l-appellanti.

Issa l-appellanti tipprova tistaħba wara l-fatt illi kien huha Glenn Debattista li kien imexxi il-kumpanija JG Rentals Limited u li hija ma kellhiex x'taqsam fil-ġestjoni ta' dik il-kumpanija, u ma kenitx a konoxxenza tal-qagħda finanzjarja imwiegħra tal-kumpanija. Dan x'aktarx sabiex tibbenefika mill-"iskużanti" li titkellem dwaru l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni fejn allura jekk il-persuna akkużata tipprova id-diliġenza tagħha hija taħrab mir-responsabbilita penali. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-linja difensjonali u dan għaliex meta l-appellanti aċċettat li tidher bħala direttur ta' din is-soċjeta, fatt mhux inkontestat, hija daħħlet

responsabbli ghal l-azzjonijiet jew ommissjonijiet maghmula minn dak il-korp maghqud. Fil-vesti taghha ta' direttur allura giet mitfugha fuqha ir-responabbilita penali ghal kull att jew ommissjoni maghmula minn dak il-korp maghqud u li ikun sar a beneficcju ta'l-istess, anke jekk hi personalment ma tkun ghamlet l-ebda qliegh. Illi l-appellanti setghet tahrab mir-responsabbilita penali biss jekk hija jirnexxielha tipprova illi imxiet bid-diligenza u issorveljat l-agir kollu tal-kumpanija u allura ma setatx tevita li isir r-reat. Din il-prova kienet tinkombi fuqha, haga li naqqset milli taghmel, izda ghal kuntrarju bil-fatt illi hija iddikjarat illi kienet qed tagixxi biss bhala *prestanome* ta' huha u xejn izjed kienet qed tammetti illi hija ma kenitx qed taqdi id-dmirijiet taghha bhala direttur, izda kienet qed toqghod lura u thalli lil haddiehor ighaffeg wahdu minghajr ebda kuranza ghal dak li kien qed jigri.

Illi hawnhekk ghalhekk jaqa' ukoll l-ewwel aggravvju imressaq mill-appellanti, u cioe' meta issostni illi hija ma ghamlet l-ebda qliegh personalment minn dan in-negozju ta' xiri ta' numru sostanzjali ta' vetturi. Dak li kellu jigi ippruvat f'dan il-kaz ma kienx jekk hija personalment ghamlitx xi qliegh, u dan ghaliex hija giet iccitata fil-vesti taghha ta' direttur ta' socjeta kummercjali. Gjaldarba bl-agir taghha jew in-nuqqas ta' attenzjoni minn naha taghha fil-qadi ta' dmirijietha gie kommess dan ir-reat bil-konsegwenza illi s-socjeta kummercjali ghamlet qliegh indebitu allura jissussiti r-reat. Dan ghaliex hija iffirmat diversi dokumenti bhal kambjali u kuntratti ta' xiri, u dan fil-vesti taghha ta' direttur tas-socjeta minnha rapprezentata u allura kellha necessarjament tkun taf illi l-kumpanija ma kellhiex il-fondi mehtiega biex taghmel dawk l-akkwisti. Issa n-nuqqas ta' konoxxenza dwar dan ma jezimihiex mir-responsabbilita penali anzi dan in-nuqqas iwassalha biex twiegeb ghall-akkuzi migjuba kontrieha. Illi mill-atti probatorji johrog illi dawn il-vetturi akkwistati mis-socjeta baqghu fil-pussess ta' dik is-socjeta meta ma kien sar ebda hlas ghalihom, b'uhud minnhom lanqas biss ma jinghata rendikont mill-istess socjeta dwar x'seta sar minnhom. Dan certament jammonta ghal qliegh indebitu meta il-kumpanija akkwistat dawn il-vetturi meta kien maghruf ben tajjeb ghad-dirigenti taghha illi hlas ma setax isir ghalihom. Tant hu hekk illi ghalkemm l-appellanti accettat li tiffirma ftehim mal-bejjiegh sabiex il-kumpanija thallas ratealment, dawn il-pagamenti baqghu qatt ma saru. Kif tista' allura l-appellanti targumenta illi hija

kienet qed tagixxi biss bhala *prestanome* ghal huha meta jidher illi kienet involuta flimkien ma' missierha f'diversi trattativi li saru ghan-nom tal-kumpanija minnha rapprezentata. Fi kwalunwke kaz kien dmir ta'l-appellanti meta assumiet ir-responsabbilta taghha bhala direttur illi tara illi kull obbligazzjoni li hija kienet qed tassumi ghan-nom tal-kumpanija kienet wahda legittima u legali.

Il-kummercjant li huwa konsapevoli mill-insolvenza proprja, u ntant jordna merkanzija li jaf li ma jkunx jista' jissoddisfa l-prezz taghha, jikkommetti att frawdolenti fil-waqt tal-kuntrattazzjoni tad-debitu. U meta tigi akkwistata merkanzija mhux biex jigi minnha maghmul profitt lecitu, imma minghajr l-intenzjoni li tigi mhallsa u semplicement biex tigi svenduta, dak l-agir jammonta ghal frodi li titkellem dwarha il-ligi fl-artikolu 309.

Illi maghdud dan allura, din il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura fid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti. Biss pero', kif inghad, illum il-gurnata fejn id-dinja tal-kummerc kibbret u espandiet lil hinn minn xtutna u allura id f'id qieghda tizdied ir-rata tal-kriminalita f'dan is-settur, anke dik organizzata fuq firxa internazzjonali, il-prosekutur ghandu jara illi juza l-ghodda kollha li taghtih il-ligi sabiex kull persuna kemm dik fizika kif ukoll legali twiegeb ghall-agir inkriminatorju li minnu isir qliegh indebitu.

Ghaldaqstant ghal motivi kollha hawn fuq esposti, l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur